Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fl-14 ta' Lulju 2022[1]

**Kawża C-158/21**

**Ministerio Fiscal,**
**Abogacía del Estado,**
**Partido político VOX**
**vs**
**Lluís Puig Gordi,**
**Carles Puigdemont Casamajó,**
**Antoni Comín Oliveres,**
**Clara Ponsatí Obiols,**
**Meritxell Serret Aleu,**
**Marta Rovira Vergés,**
**Anna Gabriel Sabaté**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Artikolu 6(1) – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi – Eżami f'żewġ stadji – Obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tivverifika, waqt l-ewwel stadju, l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti – Possibbiltà li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew ġdid li jirrigwarda l-istess persuna u li għandu jiġi eżegwit fl-istess Stat Membru"

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri[2], kif emendata permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009[3].

2. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sensiela ta' domandi intiżi, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew minħabba l-allegat nuqqas ta' kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex toħroġ dan il-mandat kif ukoll tal-qorti mitluba li tiġġudika lill-persuna akkużata, u jekk id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tipprekludix il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew ġdid wara li jkun ġie rrifjutat l-ewwel mandat ta' arrest Ewropew.

3. Dawn id-domandi tqajmu fil-kuntest ta' proċeduri mibdija kontra ex mexxejja Katalani wara li, fl-1 ta' Ottubru 2017, inżamm referendum għall-awtodeterminazzjoni tal-Komunità Awtonoma ta' Cataluña (Spanja). Uħud mill-imputati, li telqu minn Spanja minn tmiem l-2017 kienu s-suġġett ta' mandati ta' arrest Ewropej. L-assenza ta' eżekuzzjoni ta' dawn tal-aħħar seħħ kemm minħabba l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew ta' wħud minn dawn l-imputati u kif ukoll minħabba l-eżistenza ta' kwistjonijiet fir-rigward tal-proċeduri kriminali inkwistjoni. Dawn il-kwistjonijiet jirrigwardaw, għal dak li jikkonċerna l-kawża ineżami, ir-regoli li jiddeterminaw il-kompetenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) sabiex tiġġudika lill-imputati, liema regoli huma bbażati b'mod partikolari fuq il-lok tat-twettiq tar-reati kif ukoll fuq il-konnessjoni tar-reati li bihom ikunu akkużati l-imputati.

4. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari oriġinat, b'mod iktar preċiż, mir-rifjut tal-qrati Belġjani li jimplimentaw il-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra Lluís Puig Gordi. Il-qorti tal-appell li ddeċidiet b'mod definittiv ibbażat dan ir-rifjut fuq l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tad-dritt li wieħed jiġi ġġudikat minn qorti stabbilita bil-liġi, ibbażata fuq l-evalwazzjoni li l-kompetenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) sabiex tiġġudika lil L. Puig Gordi ma kinitx ibbażata fuq bażi legali espressa. Hija ppreċiżat ukoll li r-riskju ta' ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza kellha tittieħed ukoll bis-serjetà ħafna. Għalkemm l-imsemmi rifjut jikkonċerna direttament lil L. Puig Gordi biss, it-talba tal-qorti tar-rinviju hija mressqa minnha bħala li hija intiża li tiddetermina d-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fil-konfront tal-imputati kollha.

5. Il-kwistjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirrikjedu, kif spiss huwa l-każ, lil din tal-aħħar issib il-bilanċ ġust bejn l-effikaċja tas-sistema ta' konsenja bejn l-Istati Membri implimentata permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni li jkunu s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew.

6. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru[4], il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-metodu li għandu jiġi segwit mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li quddiemha l-persuna li kienet is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew tinvoka l-eżistenza ta' riskju ta' trattament inuman jew degradanti, ipprojbit mill-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[5] minħabba l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti. Dan il-metodu jikkonsisti, essenzjalment, fit-twettiq minn din l-awtorità ta' żewġ stadji fl-istħarriġ

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 6, p. 34 rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45.

[3] ĠU 2009, L 81, p. 24, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584".

[4] C-404/15 u C-659/15 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Aranyosi u Căldăraru", EU:C:2016:198.

[5] Iktar 'il quddiem il-"Karta".

tagħha, jiġifieri, fl-ewwel stadju, il-konstatazzjoni li jeżisti riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali inkwistjoni minħabba nuqqasijiet kemm sistemiċi jew iġġeneralizzati, li jolqtu ċerti gruppi ta' persuni jew ċerti ċentri ta' detenzjoni, fl-Istat Membri emittenti u, fit-tieni stadju, il-konstatazzjoni li jeżisti riskju konkret u individwalizzat ta' ksur ta' dan id-dritt għall-persuna kkonċernata.

7. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja)[6], il-Qorti tal-Ġustizzja estendiet dan il-metodu ta' eżami f'żewġ stadji għall-każ ta' riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Hija kkonfermat din il-ġurisprudenza fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-Awtorità Ġudizzjarja Emittenti)[7], u mbagħad fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti)[8].

8. Fil-kawżi li wasslu għal dawn is-sentenzi kienet allegata, fil-kuntest tal-ewwel stadju, l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi u ġeneralizzati għal dak li jikkonċerna l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti.

9. Il-kwistjoni prinċipali ta' din il-kawża tikkonsisti li jiġi stabbilit jekk, meta tali nuqqasijiet li jaffettwaw il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti ma jiġux invokati, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax, minkejja kollox, tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża fuq l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, f'dan l-Istat Membru.

10. B'hekk, għal dak li jirrigwarda dan id-dritt fundamentali, iż-żewġ stadji ta' stħarriġ li għandhom jitwettqu mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni huma kumulattivi? Fi kliem ieħor, jekk l-ewwel stadju ma jippermettix li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jaffettwaw il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, din l-awtorità hija awtorizzata tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni?

11. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar regolarment li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jikkostitwixxi, skont il-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali, u huwa kopert mill-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni qafas, li jistabbilixxi r-regola li tgħid li l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi ta' dan il-prinċipju u konformement mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija deċiżjoni qafas[9].

12. Fil-fehma tiegħi, huwa importanti li jiġi żgurat li jiġi evitat li, billi jiġu aċċettati b'mod wiesa' wisq l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku minħabba r-rispett tad-drittijiet fundamentali, din il-"bażi", li tikkostitwixxi l-pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali, tinqasam u li l-binja mibnija bil-paċenzja tibda titriegħed, jew tikkrolla, mingħajr pedamenti sodi.

6 C-216/18 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja)", EU:C:2018:586.

7 C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti)", EU:C:2020:1033.

8 C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti)", EU:C:2022:100.

9 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13. Jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li ma jiġix ipperikolat it-twettiq tal-għan tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li fuqha huwa bbażat il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew implimentat b'din id-deċiżjoni qafas.

14. Din hija r-raġuni għaliex ser niddefendi l-idea li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkompli tafferma li rifjut ta' konsenja ġġustifikat bl-allegazzjoni dwar riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-persuna li hija s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun verament eċċezzjonali. Fin-nuqqas li tkun intweriet l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tkun iġġustifikata tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-allegazzjoni biss ta' riskju individwali ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali.

## II. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15. Wara l-adozzjoni tal-liġijiet li jirrigwardaw l-indipendenza tal-komunità awtonoma ta' Cataluña (Spanja) u ż-żamma tar-referendum għal dan il-għan, inbdew proċeduri kriminali quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) kontra diversi persuni li kienu akkużati li wettqu b'mod partikolari r-reati ta' sedizzjoni u ta' użu ħażin ta' fondi pubbliċi.

16. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, fil-kuntest ta' din il-proċeduri, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), fl-14 ta' Ottubru 2019, ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra Carles Puigdemont Casamajó u, fl-4 ta' Novembru 2019, ħarġet mandati ta' arrest Ewropej kontra Antoni Comín Oliveres, L. Puig Gordi kif ukoll Clara Ponsatí Obiols. Filwaqt li C. Ponsatí Obiols kienet ġiet arrestata fir-Renju Unit, it-tliet imputati l-oħra ġew arrestati fil-Belġju u konsegwentement inbdew proċeduri li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' dawn il-mandati ta' arrest Ewropej f'dan l-Istat Membru. Ħadd mill-persuni rikjesti ma qabel li jiġi kkonsenjat.

17. Minħabba li ġew eletti bħala membri tal-Parlament Ewropew, il-proċeduri li jirrigwardaw lil Puigdemont Casamajó u lil Comín Oliveres fil-Belġju ġew sospiżi minħabba l-immunità parlamentari li minnha huma jibbenefikaw fil-kwalità tagħhom ta' deputati Ewropej [10]. Madankollu, il-proċedura li tikkonċerna l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra L. Puig Gordi ħadet il-kors tagħha. Hija għaldaqstant din il-proċedura li tinsab fiċ-ċentru ta' din il-kawża.

18. Permezz ta' digriet tas-7 ta' Awwissu 2020, is-27e chambre correctionnelle (Awla Kriminali) tat-tribunal de première instance néerlandophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza bil-lingwa Olandiża ta' Brussell (il-Belġju) [11] irrifjutat li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra L. Puig Gordi.

19. Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-qorti tal-prim istanza qieset li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 kien jippermettilha tevalwa l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew. Hija bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, fuq il-ġurisprudenza

10 Ara, f'dan ir-rigward, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Mejju 2022, Puigdemont i Casamajó *et* vs Il-Parlament (C-629/21 P(R), EU:C:2022:413), li permezz tagħha ġie deċiż, minn naħa, li jiġi annullat id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Lulju 2021, Puigdemont i Casamajó *et* vs Il-Parlament (T-272/21 R, mhux ippubblikat, EU:T:2021:497) u, min-naħa l-oħra, li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew P9_TA(2021)0059, P9 _TA(2021)0060 u P9_TA(2021)0061 tad-9 ta' Marzu 2021 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres kif ukoll ta' Clara Ponsatí i Obiols.

11 Iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ewwel Istanza".

tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-klassifikazzjoni ta' servizzi ta' prosekuzzjoni pubblika ta' diversi Stati Membri bħala "awtorità ġudizzjarja"[12], kif ukoll fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB")[13].

20. Il-Qorti tal-Ewwel Istanza kienet eżaminat din il-kompetenza u kkonkludiet li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ma kellhiex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tal-proċedura li tirrigwarda lil L. Puig Gordi u, għaldaqstant, sabiex toħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew kontrih. Hija bbażat din l-evalwazzjoni fuq l-opinjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma fuq id-Detenzjoni Arbitrarja tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti[14], li tikkonċerna lill-persuni implikati fl-istess fatti kif ukoll fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB[15] u fuq dispożizzjonijiet oħra tad-dritt Spanjol u tad-dritt Belġjan.

21. L-appell ippreżentat mill-Prosekutur Pubbliku Belġjan ġie miċħud b'sentenza taċ-chambre des mises en accusation (l-Awla tal-Atti ta' Akkuża) tal-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) tas-7 ta' Jannar 2021[16], li tikkonferma, konsegwentement, id-digriet ikkontestat kif ukoll ir-rifjut li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra L. Puig Gordi. Sabiex tasal għall-konklużjoni li tgħid li l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti ma hijiex ibbażata fuq dispożizzjoni legali espressa, il-cour d'appel (il-Qorti tal-Appell) għamlet riferiment għar-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, tas-27 ta' Mejju 2019, fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB kif ukoll fuq dokument li jispjega l-kompetenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), ipprovdut minn din tal-aħħar fil-11 ta' Marzu 2021.

22. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tindika li hija għandha tiddeċiedi fuq iż-żamma jew it-tneħħija tal-mandati ta' arrest Ewropej eżistenti u fuq il-kwistjoni tal-eventwali ħruġ ta' mandati ta' arrest Ewropej ġodda kontra l-koimputati kollha f'din il-kawża jew kontra wħud minnhom.

23. B'mod iktar preċiż, għal dak li jirrigwarda lil L. Puig Gordi, din il-qorti tindika li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ser jippermettilha tevalwa jekk huwiex possibbli li terġa' ttenni t-talba għall-konsenja, filwaqt li toħroġ, jekk ikun hemm bżonn, mandat ta' arrest Ewropew ġdid kontrih, filwaqt li l-awtorità ġudizzjarja tal-istess Stat Membru ta' eżekuzzjoni rrifjutat il-konsenja ta' din il-persuna fuq il-bażi ta' motivi li jistgħu jkunu kontra d-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

24. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar is-setgħa li għandha l-awtorità ġudizzjarja responsabbli mill-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, minn naħa, li tevalwa l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru emittenti, sabiex tiġġudika lill-imputati u, min-naħa l-oħra, li tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat għal allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat li jirriżulta mill-ksur ta' din il-kompetenza. Din il-qorti ssemmi, f'dan ir-rigward, diversi argumenti.

12 Iċċitati f'dan ir-rigward huma s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Prosekuturi Pubbliċi ta' Lyon u ta' Tours) (C-566/19 PPU u C-626/19 PPU, EU:C:2019:1077); tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Prosekutur Pubbliku Svediż) (C-625/19 PPU, EU:C:2019:1078), u tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Prosekutur Pubbliku ta' Brussell) (C-627/19 PPU, EU:C:2019:1079).

13 Il-Qorti tal-Ewwel Istanza ċċitat, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti EDB tat-2 ta' Ġunju 2005, Claes *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2005:0602JUD004682599).

14 Iktar 'il quddiem il-"Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja".

15 Il-Qorti tal-Ewwel Istanza invokat għaldaqstant is-sentenzi tal-Qorti EDB tat-22 ta' Ġunju 2000, Coëme *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2000:0622JUD003249296), u tat-2 ta' Ġunju 2005, Claes *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2005:0602JUD004682599).

16 Iktar 'il quddiem il-"cour d'appel (il-Qorti tal-Appell)".

25. Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-punt dwar jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax tivverifika jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti kinitx effettivament investita bil-kompetenza meħtieġa sabiex tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża, bħala kundizzjoni essenzjali tal-kompetenza sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew, il-qorti tar-rinviju ssostni li tali setgħa kellha toħroġ kemm minn regola formali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll minn interpretazzjoni ta' dan id-dritt li hija f'dan is-sens.

26. Issa, din il-qorti tosserva b'mod partikolari li tali possibbiltà ma tistax issib il-bażi tagħha fil-formulazzjoni tal-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, dwar ir-raġunijiet obbligatorji jew fakultattivi ta' rifjut ta' eżekuzzjoni, u lanqas ma tista' tkun dedotta minn interpretazzjoni wiesgħa ta' din id-deċiżjoni qafas jew tal-Artikolu 6(1) tagħha, meta wieħed iżomm f'moħħu li l-prinċipju li hija stabbilixxiet fl-Artikolu 1(2) tagħha huwa l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, filwaqt li r-rifjut potenzjali huwa l-eċċezzjoni, li għaldaqstant għandha tkun interpretata b'mod strett.

27. Fit-tieni lok, f'każ fejn is-setgħa li tiġi mistħarrġa l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti tiġi rrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq l-elementi li din għandha tieħu inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' tali stħarriġ.

28. F'dan ir-rigward, din il-qorti ssostni li l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun iddeterminata biss skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru emittenti. Issa, il-fatt li jiġi aċċettat li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tinterpreta d-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat iwassal għal sitwazzjoni inkoerenti u insostenibbli peress li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun obbligata tinterpreta u tapplika dritt li huwa barrani għaliha u li hija lanqas biss suppost taf.

29. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li ż-żewġ qrati Belġjani interpretaw id-dritt Spanjol b'mod żbaljat. Dawn il-qrati jingħad li injoraw ukoll id-diversi deċiżjonijiet tal-qorti tar-rinviju li ddeċidew fuq il-problema li tirrigwarda l-kompetenza tagħha kif ukoll il-fatt li d-dibattitu ttieħed quddiem it-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali, Spanja), li kkonfermat il-kompetenza tal-qorti tar-rinviju b'mod partikolari f'sentenza tas-17 ta' Frar 2021[17]. Għaldaqstant, il-qrati Belġjani ma ħadu inkunsiderazzjoni la l-interpretazzjoni adottata mill-qrati Spanjoli u lanqas il-fatt li l-partijiet ibbenefikaw minn rimedju ġudizzjarju tal-ewwel u tat-tieni istanza kontra l-mandati ta' arrest Ewropej li nħarġu.

30. Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda l-portata li għandha tingħata lill-mekkaniżmu ta' talba għall-informazzjoni supplimentari previst fl-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma għamlitx użu minnu b'mod suffiċjenti. Fil-fatt, din l-awtorità kellha titlob lill-awtorità ġudizzjarja emittenti informazzjoni supplimentari sabiex tippermettilha tipprovdi elementi bbażati fuq id-dritt intern tagħha, b'mod partikolari d-diversi deċiżjonijiet li ddeċidew il-kwistjoni tal-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża.

31. Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, sabiex tirrifjuta l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni, il-cour d'appel (il-Qorti tal-Appell) ibbażat ruħha fuq il-punt 5 tal-Artikolu 4(5) tal-Loi relative au mandat d'arrêt européen, du 19 décembre 2003 (il-Liġi dwar il-Mandat ta'

[17] Ara s-sentenza tat-Tribunal Constitutional (il-Qorti Kostituzzjonali), tas-17 ta' Frar 2021 (Nru 34/2021, BOE Nru 69, tat-22 ta' Marzu 2021, p. 32889). Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li din is-sentenza ngħatat wara appell ippreżentat minn waħda mill-persuni kkundannati, li qal li kien jinsab fl-istess sitwazzjoni bħal L. Puig Gordi.

Arrest Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2003)[18] li jipprevedi li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun obbligatorjament irrifjutat jekk ikun hemm raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li dan ikollu bħala effett li jippreġudika d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata. Issa, din ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ma tifformax parti minn dawk li huma espressament imsemmija fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

32. Barra minn hekk, din il-qorti tikkunsidra li r-rifjut ta' eżekuzzjoni li huwa dedott mill-Artikolu 1(3) ta' din id-deċiżjoni qafas għandu jseħħ biss, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ikkaratterizzati sal-lum, fir-rigward tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, bl-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati għal dak li jikkonċerna l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti.

33. Barra minn hekk, bil-fatt li ħadet bħala prova insostenn tal-evalwazzjoni tagħha r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, tas-27 ta' Mejju 2019, il-cour d'appel (il-Qorti tal-Appell) ma ssodisfatx ir-rekwiżit li skontu l-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha jkollha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati sabiex tkun tista' tikkonstata riskju gravi, reali, speċifiku u individwali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta.

34. F'dan il-kuntest, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-[Deċiżjoni Qafas 2002/584] tawtorizza lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta l-konsenja tal-persuna rikjesta permezz ta' mandat ta' arrest Ewropew [...] abbażi ta' raġunijiet għal rifjut previsti fid-dritt nazzjonali tagħha, iżda mhux previsti bħala tali fid-Deċiżjoni Qafas?

2) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti hija fl-affermattiv, u sabiex tiġi żgurata l-vijabilità tal-[mandat ta' arrest Ewropew] u sabiex isir użu xieraq mir-rimedju offrut fl-Artikolu 15(3) tad-[Deċiżjoni Qafas 2002/584]:

   L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tinvestiga u teżamina d-dritt tad-diversi Stati sabiex tieħu inkonsiderazzjoni r-raġunijiet possibbli ta' ċaħda ta' [mandat ta' arrest Ewropew] li ma humiex previsti fid-[Deċiżjoni Qafas 2002/584]?

3) Fid-dawl tar-risposti għad-domandi preċedenti, u meta jittieħed inkonsiderazzjoni li, skont l-Artikolu 6(1) tad-[Deċiżjoni Qafas 2002/584], il-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex toħroġ [mandat ta' arrest Ewropew] stabbilita skont il-liġi tal-Istat emittenti:

   Din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jista' jkollha dubju dwar il-ġurisdizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha sabiex taġixxi fil-kawża kriminali inkwistjoni u tirrifjuta l-konsenja peress li ma għadhiex kompetenza sabiex toħroġ [mandat ta' arrest Ewropew]?

4) Fir-rigward tal-possibbiltà ta' stħarriġ mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta fl-Istat emittenti:

[18] *Moniteur belge* tad-19 ta' Diċembru 2003, p. 60075.

a) Id-[Deċiżjoni Qafas 2002/584] tagħmilha possibbli għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta l-konsenja tal-persuna rikjesta minħabba li tqis li hemm riskju serju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha fl-Istat Membru emittenti, ibbażat fuq ir-rapport ta' Grupp ta' Ħidma ippreżentat lill-awtorità nazzjonali ta' eżekuzzjoni mill-persuna rikjesta?

b) Għall-finijiet tad-domanda preċedenti, tali rapport jikkostitwixxi element oġġettiv, affidabbli, preċiż u debitament aġġornat sabiex jiġġustifika, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rifjut li l-persuna rikjesta tiġi kkonsenjata abbażi ta' riskju serju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha?

c) Jekk it-tweġiba għad-domanda preċedenti hija affermattiva, liema elementi jirrikjedi d-dritt tal-Unjoni sabiex Stat Membru jkun jista' jikkonkludi li fl-Istat Membru emittenti hemm ir-riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali allegat mill-persuna rikjesta u li jiġġustifika r-rifjut li jiġi eżegwit -[mandat ta' arrest Ewropew]?

5) It-tweġibiet għad-domandi preċedenti huma affettwati mill-fatt li l-persuna li tintalab il-kunsinna tagħha kienet kapaċi tinvoka quddiem il-qrati tal-Istat Membru emittenti, anke sat-tieni grad ta' ġurisdizzjoni, argumenti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, il-mandat ta' arrest maħruġ kontriha u l-garanzija tad-drittijiet fundamentali tagħha?

6) Ir-risposti għad-domandi preċedenti huma affettwati mill-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi [mandat ta' arrest Ewropew] għal raġunijiet mhux previsti espressament fid-[Deċiżjoni Qafas 2002/584] msemmija iktar 'il fuq, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti u r-riskju serju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istat emittenti, u tagħmel dan mingħajr ma titlob mill-awtorità ġudizzjarja emittenti l-informazzjoni supplimentari speċifika li fuqha hija bbażata dik id-deċiżjoni?

7) Jekk mir-risposti għad-domandi preċedenti jidher li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, id-[Deċiżjoni Qafas 2002/584] tipprekludi l-konsenja ta' persuna abbażi ta' dawk ir-raġunijiet għar-rifjut:

   Id-[Deċiżjoni Qafas 2002/584] tipprekludi li din il-qorti tar-rinviju toħroġ [mandat ta' arrest Ewropew] ġdid kontra l-istess persuna u quddiem l-istess Stat Membru?"

35. L. Puig Gordi, C. Puigdemont Casamajó, A. Comín Oliveres, C. Ponsatí Obiols, Marta Rovira Vergés, Anna Gabriel Sabaté, il-Ministerio Fiscal, il-Gvern Spanjol, Belġjan, Pollakk u Rumen kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Inżammet seduta għat-trattazzjoni fil-5 ta' April 2022.

## III. Analiżi

36. B'mod ġenerali, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma intiżi sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta li timplimenta mandat ta' arrest Ewropew minħabba r-riskju ta' ksur, f'każ ta' konsenja tal-persuna rikjesta lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, tad-dritt fundamentali ta' din il-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita bil-liġi, kif stabbilit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni

Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [19], li jikkorrispondi għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

37. Dawn id-domandi huma, fil-parti l-kbira tagħhom, imsejsa fuq il-motivazzjoni adottata mill-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra L. Puig Gordi.

## *A. Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari*

38. Nieħu mill-ewwel pożizzjoni fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari billi nfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss jekk ikun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità ta' regola tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [20].

39. Issa, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Lulju 2018, AY (Mandat ta' arrest – Xhud) [21], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet favur l-ammissibbiltà ta' domandi magħmula minn awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex tistabbilixxi l-portata tal-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni wara l-ħruġ bla suċċess ta' mandati ta' arrest Ewropej [22].

40. Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni, minn naħa, li l-qorti tar-rinviju indikat li hija adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tadotta, abbażi tar-risposti għad-domandi magħmula, deċiżjoni ta' rtirar ta' mandat ta' arrest Ewropew. Għaldaqstant, ma setax jiġi allegat li d-domandi magħmula ma għandhom ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-proċedura pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju jew li l-problema kienet ta' natura ipotetika [23].

41. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari ma tiġix invalidata bil-fatt li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-obbligi tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, anki meta l-qorti tar-rinviju hija l-awtorità ġudizzjarja emittenti tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew għandu bħala konsegwenza l-arrest possibbli tal-persuna rikjesta u, għaldaqstant, tippreġudika l-libertà individwali ta' din tal-aħħar. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward ta' proċedura dwar mandat ta' arrest Ewropew, il-garanzija tad-drittijiet fundamentali primarjament hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru emittenti [24].

19 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, iktar 'il quddiem il-"KEDB".

20 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2021, Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-drittijiet) (C-649/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-drittijiet)", EU:C:2021:75, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 C-268/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza AY (Mandat ta' arrest – Xhud)", EU:C:2018:602.

22 Ara s-sentenza AY (Mandat ta' arrest – Xhud) (punt 31).

23 Ara s-sentenza AY (Mandat ta' arrest – Xhud) (punt 27).

24 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza AY (Mandat ta' arrest – Xhud) (punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42. Filwaqt li bbażat ruħha fuq dan l-argument, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll, fis-sentenza tagħha Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-drittijiet) li, għall-finijiet li tinkiseb garanzija ta' dawn id-drittijiet, li tista' twassal awtorità ġudizzjarja tieħu deċiżjoni biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew, huwa importanti li tali awtorità tiddisponi mill-fakultà li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari [25].

43. Fil-fehma tiegħi, ma hemmx dubju li din il-ġurisprudenza tapplika għal din il-kawża. Fil-fatt, inkwantu l-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew jissarraf b'mod konkret f'relazzjoni bejn żewġ awtoritajiet ġudizzjarji, għandu jiġi aċċettat li awtorità waħda jew l-oħra tkun tista' tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb preċiżazzjonijiet sabiex tipprevjeni jew issolvi eventwali tħaddim ħażin ta' dan il-mekkaniżmu. Kif ġustament tindika l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, għandu jiġi evitat li jinħoloq żbilanċ fil-possibbiltà tal-qrati tal-Istat Membru emittenti jew tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni sabiex jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'rinviju għal deċiżjoni preliminari. Il-problema ma hijiex ipotetika peress li r-riżoluzzjoni tagħha hija neċessarja sabiex tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja emittenti li tiddeċiedi li tirtira jew toħroġ mandat ta' arrest Ewropew fil-kuntest tal-proċeduri kriminali pendenti [26]. Iktar minn hekk, l-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza ma tirrikjedix, fil-fehma tiegħi, li f'dan il-każ, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jaqblu kompletament mar-raġunijiet li ntużaw mill-cour d'appell (il-Qorti tal-Appell) fid-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni.

44. Fuq il-mertu, ser neżamina fil-punti li ġejjin id-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju fi tliet stadji.

45. Fl-ewwel stadju, ser nittratta l-ewwel domanda preliminari li ser twassalni sabiex nippreċiża jekk, u, jekk ikun il-każ, taħt liema kundizzjonijiet, Stat Membru jista' jipprevedi raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni li ma hijiex espressament prevista mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

46. Fit-tieni stadju, ser neżamina flimkien it-tielet sas-sitt domanda preliminari li jistaqsu, essenzjalment, sabiex jiġu ppreċiżati l-kundizzjonijiet li fihom awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża ruħha fuq raġuni bbażata fuq il-fatt li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma kinitx kompetenza sabiex toħroġ dan il-mandat ta' arrest Ewropew u sabiex tiġġudika l-persuna rikjesta.

47. Fit-tielet stadju, ser nirrispondi għas-seba' domanda preliminari, li hija intiża li tistaqsi jekk, wara li jkun ġie invokat lilha r-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, awtorità ġudizzjarja emittenti hijiex limitata fil-possibbiltà li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew ġdid.

### *B. Fuq l-ewwel domanda preliminari*

48. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tawtorizza awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża ruħha fuq raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni li hija prevista mid-dritt nazzjonali tagħha, iżda li ma hijiex imsemmija f'din id-deċiżjoni qafas.

25 Punt 39 ta' din is-sentenza u l-ġurisprudenza ċċitata.

26 Ara s-sentenza Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-drittijiet) (punt 38).

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fil-qasam irregolat mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tagħha, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali, huwa applikat fl-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni qafas li jistabbilixxi r-regola li l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din l-istess deċiżjoni qafas. Għaldaqstant, bħala prinċipju, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jistgħux jirrifjutaw li jeżegwixxu tali mandat ħlief għall-motivi, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tkun suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni qafas. Minħabba f'hekk, filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta [27].

50. B'hekk, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tistabbilixxi b'mod espliċitu l-motivi ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju (Artikolu 3) u fakultattiv (Artikoli 4 u 4a) tal-mandat ta' arrest Ewropew, kif ukoll il-garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru emittenti f'każijiet partikolari (Artikolu 5) [28].

51. Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja estendiet il-każijiet li fihom jeħtieġ li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew lil hinn mir-raġunijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni espressament imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 4a ta' din id-deċiżjoni qafas.

52. Hija ddeċidiet għaldaqstant, qabel xejn, li r-rifjut ta' eżekuzzjoni kellu jiġi invokat meta l-mandat ta' arrest Ewropew għandu ma ssodisfax ir-rekwiżiti ta' regolarità previsti fl-Artikolu 8(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas [29]. Imbagħad, hija kkunsidrat li l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 kien jiġġustifika li tintemm proċedura ta' eżekuzzjoni sabiex jiġi evitat, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, ksur tad-drittijiet fundamentali [30]. Finalment, hija sostniet li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku japplika biss għall-mandati ta' arrest Ewropej, fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni qafas, li jimplika li ma kellhomx jiġu eżegwiti mandati ta' arrest Ewropej li ma nħarġux minn "awtorità ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni qafas [31], jew wara proċedura li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [32].

53. F'dawn l-ipoteżijiet kollha li jistgħu jwasslu awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem ibbażat ir-raġunament tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jekk ikun il-każ moqrija fid-dawl tal-Artikoli 4 u 47 tal-Karta.

27 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi (C-241/15, EU:C:2016:385, punti 63 u 64).

30 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punti 44 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Novembru 2020, Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:953, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-10 ta' Marzu 2021, PI (C-648/20 PPU, EU:C:2021:187, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54. Min-naħa l-oħra, raġuni sabiex ma jkunx hemm eżekuzzjoni li tkun prevista mid-dritt nazzjonali ta' Stat Membru u li ma tkunx ibbażata fuq dispożizzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma tistax tkun aċċettata.

55. Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha, fil-fehma tiegħi, tkun interpretata fis-sens li tippreklūdi li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża ruħha fuq raġuni sabiex ma teżegwixxix il-mandat li hija prevista fid-dritt nazzjonali tagħha, imma li ma hijiex imsemmija f'din id-deċiżjoni qafas.

56. Sabiex tingħata risposta kompluta lill-qorti tar-rinviju, jidhirli li huwa neċessarju li jiġi ppreċiżat li, f'din il-kawża, ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni li hija fiċ-ċentru tad-dibattiti, u li hija dik li fuqha l-qrati Belġjani bbażaw ruħhom sabiex jirrifjutaw il-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra L. Puig Gordi, tirriżulta mill-punt 5 tal-Artikolu 4(5) tal-Liġi dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, li tipprevedi li, "[l]-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tiġi rrifjutata [...] jekk ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew ikun ser ikollu bħala effett li jippreġudika d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, kif stabbiliti mill-Artikolu 6 [TUE]".

57. Dispożizzjoni ta' dan it-tip ma hijiex rari fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri [33] u hija r-rifless tar-rabta tal-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex joħloq mekkaniżmu li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna li hija s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew.

58. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jipprevedi li din "m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni għar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 [TUE]". Il-premessi 10, 12 u 13 ta' din id-deċiżjoni qafas huma wkoll rilevanti f'dan ir-rigward [34].

33 Kif tindika l-Kummissjoni fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, tat-2 ta' Lulju 2020 (COM(2020) 270 finali, p. 9), "[i]l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew b'mod espliċitu l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali, uħud f'termini ġenerali, iżda oħrajn b'referenza speċifika għad-drittijiet imsemmija fil-premessi 12 u 13. Pereżempju, xi traspożizzjonijiet nazzjonali jirreferu b'mod ġenerali għal trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali [...] u/jew għall-Artikolu 6[TUE]. Ftit Stati Membri ttrasponew l-Artikolu 1(3) ta[' din i]d-Deċiżjoni Qafas billi rreferew biss għall-[KEDB], filwaqt li ma inkludewx referenza għall-[Karta]".

34 Skont il-premessa 10 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, "[i]l-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' vjolazzjoni serja u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) [TUE], determinati mill-Kunsill skond l-artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu". Barra minn hekk, il-premessa 12 tal-istess deċiżjoni qafas tipprevedi li din "hi in konformità mad-drittijiet fondamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 [TUE] u riflessi fil-Karta [...], partikolarment il-Kapitolu VI tiegħu. Xejn [fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584] ma jista' jiġi interpretat bħala projbizzjoni tat-tiċħid ta' ċediment [konsenja] ta' persuna għal liema mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ meta hemm raġunijiet biex jitwemmen, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li l-mandat ta' arrest imsemmi ġie maħruġ għall-iskop tal-prosekuzzjoni jew kastig ta' persuna fuq ir-raġunijiet tas-sess, razza, oriġini etnika, nazzjonalità, ilsien, opinjoni politika jew orjentazzjoni sesswali, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna jista' jiġi ppreġudikat għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet". Iktar minn hekk, il-premessa 13 ta' din id-deċiżjoni qafas tirrifletti l-Artikolu 4 u l-Artikolu 19(2) tal-Karta billi tindika li "[e]bda persuna m'għandha tiġi mneħħija, espulsa jew estradita lil Stat fejn hemm riskju serju li tiġi assoġġettata għall-piena tal-mewt, għal tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti".

59. Kif indikajt preċedentement, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li ċerti limitazzjonijiet għall-prinċipji ta' rikonoxximent u tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri jistgħu jitressqu "f'ċirkustanzi eċċezzjonali"[35], billi bbażat ruħha b'mod partikolari fuq l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584[36].

60. Dak li ser ngħid ser iwassal sabiex infakkar li l-kundizzjonijiet li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tosserva sabiex tkun iġġustifikata tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, jekk hija għandha raġunijiet serji sabiex temmen li l-eżekuzzjoni tiegħu jkollu bħala effett li jippreġudika d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, għandhom jiġu interpretati b'mod strett sabiex ikun iggarantit li r-rifjut ta' eżekuzzjoni jibqa' ta' natura eċċezzjonali.

61. Meħud kont tal-elementi li għadni kif esponejt, ma jidhirlix li jista' jiġi kkritikat, bħala tali, li Stat Membru jsemmi fid-dritt nazzjonali tiegħu l-possibbiltà li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew għal tali raġunijiet, inkwantu l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat hija stess fuq l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 sabiex taċċetta li jistgħu jitressqu xi limitazzjonijiet għall-prinċipji ta' rikonoxximent u ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Madankollu, nagħmel immedjatament sfumatura importanti, inkwantu, ovvjament, dispożizzjoni nazzjonali, bħalma huwa l-punt 5 tal-Artikolu 4(5) tal-Liġi dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, għandha, l-istess bħal kull dispożizzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, tiġi interpretata konformement miegħu. Awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax għaldaqstant tibbaża ruħha fuq tali dispożizzjoni sabiex tirrifjuta b'mod obbligatorju u awtomatiku li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew f'każ ta' ksur allegat tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata[37], u tinjora l-korp tal-ġurisprudenza li jiddelimita b'mod strett il-kundizzjonijiet li taħthom tali rifjut jista', b'mod eċċezzjonali, jiġi kkontestat lill-awtorità ġudizzjarja emittenti.

62. Konsegwentement, nipproponi li tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha tkun interpretata fis-sens li tipprekludi li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta milli teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża ruħha fuq raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni li hija prevista fid-dritt nazzjonali tagħha, imma li ma tissemmix f'din id-deċiżjoni qafas. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija deċiżjoni qafas ma tipprekludix li dispożizzjoni nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 1(3) tal-istess deċiżjoni qafas, billi tipprevedi l-possibbiltà li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li timplimenta mandat ta' arrest Ewropew jekk hija jkollha raġunijiet serji sabiex temmen li l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ikollha bħala effett li tippreġudika d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, bil-kundizzjoni li din id-dispożizzjoni tiġi applikata b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet stretti li taħthom tali rifjut jista' jseħħ.

35 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Aranyosi u Căldăraru (punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punt 43).

36 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Aranyosi u Căldăraru (punt 83) u Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punt 45). Ara, wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawżi magħquda L u P (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, EU:C:2020:925), li fihom din tal-aħħar tirrileva li "[i]l-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li, lil hinn mill-każijiet ikkunsidrati b'mod speċifiku fid-Deċiżjoni Qafas (l-Artikoli 3 sa 5), l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jista' wkoll jiġi miċħud 'f'ċirkostanzi eċċezzjonali' li, minħabba s-serjetà tagħhom stess, jimponu l-limitazzjoni tal-prinċipji ta' rikonoxximent u ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, li fuqhom hija mibnija l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali" (punt 39).

37 Jeħtieġ, f'dan ir-rigward, li ninsisti fuq il-fatt li huwa biss fil-preżenza ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, segwita bis-sospensjoni mill-Kunsill tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għal dak li jikkonċerna l-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 7(2) u 3(3) TUE, li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun obbligata tirrifjuta awtomatikament li teżegwixxi kull mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn dan l-Istat Membru: ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63. Meħud kont tar-risposta għall-ewwel domanda preliminari li nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tadotta, ma huwiex meħtieġ, fil-fehma tiegħi, li tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari.

## *C. Fuq it-tielet sas-sitt domanda preliminari*

64. Kif issemma qabel, ser neżamina flimkien it-tielet sas-sitt domanda preliminari, inkwantu huma kollha intiżi li jippreċiżaw il-kundizzjonijiet li taħthom awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża ruħha fuq raġuni msejsa fuq li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma jkollhiex il-kompetenza sabiex toħroġ dan il-mandat ta' arrest Ewropew u sabiex tiġġudika l-persuna rikjesta.

65. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tixtieq kjarifiki fuq diversi aspetti. L-ewwel, tali raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tista' toħroġ mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584? Imbagħad, u din hija l-qalba tal-problema li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, taħt liema kundizzjonijiet awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', fuq il-bażi tal-Artikolu 1(3) ta' din id-deċiżjoni qafas, tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew minħabba r-raġuni allegata ta' riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, protett mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta? Fl-aħħar nett, x'effett jista' jkollu fuq ir-risposta għal din l-aħħar domanda, minn naħa, il-fatt li l-persuna rikjesta setgħet, quddiem il-qrati tal-Istat Membru emittenti, tinvoka l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha u tikkontesta l-kompetenza ta' dawn il-qrati kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-eżistenza eventwali ta' obbligazzjoni, għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tkun trid tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, li titlob mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti informazzjoni supplimentari, skont l-Artikolu 15(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas.

### *1. Raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni bbażata fuq li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma għandhiex kompetenza sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew tista' toħroġ mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584?*

66. Nosserva li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4 u 4a tagħha, ma fiha ebda dispożizzjoni li tipprevedi espressament raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni bbażata fuq li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma jkollhiex il-kompetenza sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew. Barra minn hekk, tali motiv ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ma jidhirlix lanqas li jista' jiġi dedott mill-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni qafas.

67. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jippreżumi li huma biss il-mandati ta' arrest Ewropej, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li għandhom jiġu eżegwiti konformement mad-dispożizzjonijiet tagħha, u dan jirrikjedi li tali mandat, li huwa kklassifikat, f'din id-dispożizzjoni, bħala "deċiżjoni ġudizzjarja", jinħareġ minn "awtorità ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni qafas[38].

68. Infakkar li, skont din id-dispożizzjoni, "[l]-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-manadat għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew bis-saħħa tal-liġi ta' dak l-Istat".

[38] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69. Iktar minn hekk, l-Artikolu 6(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jipprevedi li "[k]ull Stat Membru għandu jinforma s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-awtorità ġudizzjarja kompetenti taħt il-liġi tiegħu". B'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ir-Renju ta' Spanja informa lill-Kunsill li, skont l-Artikolu 35 tal-Ley 23/2014 de reconocimiento mutuo de resoluciones penales en la Unión Europea (il-Liġi Nru 23/2014 fuq ir-Rikonoxximent Reċiproku tad-Deċiżjonijiet Ġudizzjarji fil-Qasam Kriminali fl-Unjoni Ewropea)[39], tal-20 ta' Novembru 2014, l-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom il-kompetenza sabiex joħorġu mandat ta' arrest Ewropew huma l-ġudikant jew il-qorti adit bil-kawża li fil-kuntest tagħha hemm lok li jinħareġ tali mandat[40]. B'hekk hemm korrispondenza bejn il-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja sabiex tieħu konjizzjoni ta' kawża u l-kompetenza ta' din l-awtorità sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' proċeduri kriminali.

70. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fis-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, OG u PI (Prosekuturi pubbliċi ta' Lübeck u ta' Zwickau)[41], it-termini "awtorità ġudizzjarja" li jinsabu fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ma humiex limitati biex jindikaw biss il-ġudikanti jew qrati ta' Stat Membru, imma għandhom jinftiehmu bħala li jindikaw, b'mod iktar wiesa', l-awtoritajiet imsejħa sabiex jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' dan l-Istat Membru, b'mod differenti, b'mod partikolari, mill-ministeri jew mis-servizzi tal-pulizija, li huma taħt l-awtorità tal-poter eżekuttiv[42].

71. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jimplika li l-awtorità kkonċernata taġixxi b'mod indipendenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha inerenti għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew[43].

72. Jekk il-kriterji li jippermettu b'hekk li jiddefinixxu l-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ma jiġux osservati, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew. Min-naħa l-oħra, meta dawn il-kriterji jkunu osservati, ma naħsibx li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn issemmi lill-awtorità ġudizzjarja "li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew bis-saħħa tal-liġi ta' dak l-Istat" tista' tiġi interpretata bħala li tagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni s-setgħa li tivverifika l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex toħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni u tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat jekk hija ssostni li din l-awtorità ma għandhiex kompetenza.

73. Fil-fatt, li jiġi aċċettat li l-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni qafas jawtorizza lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tistħarreġ il-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti jkun imur kontra l-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, li skontu l-Istati Membri jistgħu jindikaw,

39 BOE Nru 282, tal-21 ta' Novembru 2014, p. 95437.

40 Ara Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Dikjarazzjonijiet li ser isiru mill-Istat Spanjol bħala riżultat tal-adozzjoni tal-Liġi 23/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali fl-Unjoni Ewropea tat-23 ta' April 2015 (Dokument Nru 8138/15, p. 2, disponibbli fis-sit internet segwenti: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8138-2015-INIT/mt/pdf).

41 C-508/18 u C-82/19 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck u ta' Zwickau)", EU:C:2019:456.

42 Punt 50 ta' din is-sentenza u l-ġurisprudenza ċċitata.

43 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jirreferi, l-istess bħall-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni qafas, kemm għal imħallef jew qorti, kif ukoll għal awtorità ġudizzjarja, bħalma huwa l-prosekutur pubbliku ta' Stat Membru, li jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja ta' dan l-Istat Membru u li jgawdi mill-indipendenza meħtieġa fir-rigward tal-poter eżekuttiv: ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, C u CD (Ostakli legali għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' konsenja) (C-804/21 PPU, EU:C:2022:307, punt 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

skont id-dritt nazzjonali tagħhom, l-awtorità ġudizzjarja li għandha l-kompetenza sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew[44]. Għaldaqstant, ma huwiex kompitu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, meħud kont tat-tqassim tal-funzjonijiet bejnha u bejn l-awtorità ġudizzjarja emittenti, li tivverifika jekk din tal-aħħar għandhiex kompetenza, skont ir-regoli ta' organizzazzjoni u tal-proċedura ġudizzjarja tal-Istat Membri emittenti, sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew. B'effett mill-mument li fih mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ minn "awtorità ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tippreżumi li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tosserva r-regoli nazzjonali li jiddefinixxu l-kompetenza tagħha.

74. Fi ftit kliem, għalkemm is-sens u l-portata tal-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ma jistgħux jitħallew għall-evalwazzjoni ta' kull Stat Membru[45], u għalkemm dan il-kunċett jirrikjedi, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi[46], ir-regoli li jiddeterminaw il-kompetenza ta' tali awtorità sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew jaqgħu taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istat Membru emittenti, li fih l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tindaħal fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni. Kull interpretazzjoni oħra tippreġudika l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

75. Dak li għadu kif ġie espost huwa naturalment mingħajr preġudizzju għall-istħarriġ ġudizzjarju li jista' jsir fl-Istat Membru emittenti, kemm *ex officio* u kif ukoll fuq l-inizjattiva tal-persuna li tagħha tkun intalbet il-konsenja, sabiex jiġi vverifikat jekk ir-regoli nazzjonali li jiddeterminaw il-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti ġewx osservati.

76. Minn dawn l-elementi jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tistħarreġ jekk awtorità ġudizzjarja emittenti għandhiex kompetenza, skont id-dritt tal-Istat Membru emittenti, sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew.

*2. Taħt liema ċirkustanzi awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta, fuq il-bażi tal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew f'każ ta' riskju allegat ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta?*

77. Jeħtieġ issa li jiġu ppreċiżati l-kundizzjonijiet li taħthom l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, bħala bażi għal deroga possibbli mill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, jista' jippermetti lil awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew f'każ ta' riskju allegat ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna rikjesta għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbiliti minn qabel bil-liġi, protett mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

78. Nindika mill-ewwel li r-risposta għal din id-domanda għandha, fil-fehma tiegħi, tkun iggwidata mill-premessa ta' kull analiżi fil-materja, jiġifieri li "l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri għandu importanza fundamentali fid-dritt tal-Unjoni peress li dan il-prinċipju jippermetti l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntieri interni. Issa, dan il-prinċipju jeżiġi,

44 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck u ta' Zwickau) (punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck u ta' Zwickau) (punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck u ta' Zwickau) punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata.

b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li kull wieħed mill-Istati Membri jikkunsidra, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħra kollha josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt" [47].

79. Din il-premessa ta' fiduċja reċiproka fis-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali timplika, kif affermat bil-qawwa l-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 2/13 tagħha (Adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB) li "meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jkunu obbligati, bis-saħħa ta' dan l-istess dritt, li jippreżumu r-rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri l-oħra, b'tali mod *li la jkunu jistgħu* jeżiġu minn Stat Membru ieħor livell ta' protezzjoni nazzjonali tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dak żgurat mid-dritt tal-Unjoni u lanqas, *ħlief f'każijiet eċċezzjonali, ma jkunu jistgħu jivverifikaw jekk dan l-Istat Membru l-ieħor ikunx effettivament irrispetta, f'każ konkret, id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Unjoni*" [48]. Minn dakinhar, fil-qasam tal-mandat ta' arrest Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddevjatx mil-linja li tikkonsisti filli jsir enfasi fuq in-natura eċċezzjonali li għandu jkollu l-istħarriġ minn awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru emittenti [49]. Din hija l-espressjoni, f'dan il-qasam, tal-fatt li l-obbligu għall-Istati Membri sabiex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali għandu dejjem jaqa' fil-kuntest tal-istruttura u tal-għanijiet tal-Unjoni [50].

80. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża, bl-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata u effettiva għall-konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li kisru l-liġi kriminali, sabiex tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan mogħti lill-Unjoni sabiex issir żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja bbażata fuq il-grad għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri [51].

81. Barra minn hekk, diġà indikajt li, sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jimplika li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju filwaqt li r-rifjut tal-eżekuzzjoni għandu jinftiehem bħala eċċezzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett [52].

82. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, fis-sentenza tagħha Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), li, l-istess bħal riskju reali ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta, riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata għal smigħ xieraq, kif stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, seta' jwassal, b'mod eċċezzjonali, għar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

83. Fil-fatt, "il-livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri li fuqu huwa bbażat il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq il-premessa li l-qrati kriminali tal-Istat Membru emittenti li, wara l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, ser ikollhom imexxu l-proċedura

[47] Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/13 (Adezjoni tal-Unjoni mal-KEDB), tat-18 ta' Diċembru 2014 (EU:C:2014:2454, iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB)" punt 191 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll, fil-qasam tal-mandat ta' arrest Ewropew, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[48] Ara Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB) (punt 192, enfasi miżjud minni).

[49] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 41).

[50] Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114, punt 4). Ara, iktar reċenti, l-Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB) (punt 170 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[51] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, C u CD (Ostakli legali għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' konsenja) (C-804/21 PPU, EU:C:2022:307, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[52] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punti 43 u 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

kriminali ta' prosekuzzjoni jew ta' eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura li ċċaħħad il-libertà kif ukoll il-proċedura kriminali fuq il-mertu, jissodisfaw ir-rekwiżiti inerenti tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta"[53]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[d]an id-dritt fundamentali jkopri, [...] importanza kardinali peress li jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-partijiet fil-kawża jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari tal-valur tal-Istat tad-dritt"[54].

84. L-osservanza tar-rekwiżiti inerenti għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, tikkostitwixxi għaldaqstant il-bażi għall-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew li jkun jirrispetta d-drittijiet li jibbenefikaw minnhom il-persuni li huma s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew.

85. F'dan ir-rigward, ma hemmx dubju li, bħala awtoritajiet li għandhom jimplimentaw id-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u ta' eżekuzzjoni huma obbligati jirrispettaw id-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta. Dan premess, sabiex is-sistema ta' konsenja implimentata minn din id-deċiżjoni qafas tista' tiffunzjona, ir-responsabbiltajiet fuq dan is-suġġett huma, skont il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, maqsuma bejn dawn iż-żewġ awtoritajiet. Fil-fatt, kieku l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni kienu awtorizzati jipproċedu bl-istess verifiki, l-effikaċja u l-ħeffa tal-konsenja jkunu ppreġudikati. Iktar minn hekk, il-fiduċja reċiproka hija, min-natura tagħha, kuntrarja għat-twettiq ta' kontrolli reċiproċi minn kull awtorità intiżi li jivverifikaw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru li għalih tappartjeni l-awtorità l-oħra. Ir-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew ibbażat fuq il-konstatazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru emittenti jista', skont din il-loġika, ikollu biss natura eċċezzjonali.

86. Dan huwa dak li l-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet meta ddeċidiet li, "għalkemm kull Stat Membru għandu primarjament l-obbligu, sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi li fuqhom huwa bbażat il-funzjonament ta' dan il-mekkaniżmu, li jiżgura, taħt l-istħarriġ aħħari tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħarsien tar-rekwiżiti inerenti [għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta], billi jastjeni minn kull miżura li tista' tippreġudikaha [...], l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew iġġarrab, fil-każ ta' konsenja lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, ksur ta' dan l-istess dritt fundamentali tista' tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tastjeni, b'mod eċċezzjonali, milli tipproċedi fir-rigward ta' [timplimenta] dan il-mandat ta' arrest Ewropew, fuq il-bażi tal-Artikolu 1(3) ta' din id-deċiżjoni qafas"[55].

87. B'hekk, l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew iġġarrab, fil-każ ta' konsenja lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq hija tali li tbiddel, b'mod eċċezzjonali, it-tqassim tar-responsabbiltajiet li għandhom rispettivament l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, għal dak li jirrigwarda proċedura li tirrigwarda mandat ta' arrest Ewropew, il-garanzija tar-rispett tad-drittijiet tal-persuna li tagħha tintalab il-konsenja taqa'

53 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

primarjament taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru emittenti, li hemm lok li jiġi preżunt li jirrispetta d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan tal-aħħar [56].

88. Il-possibbiltà għal awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tikkonfuta din il-preżunzjoni billi tistħarreġ l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru emittenti, li tista' twassal lil din l-awtorità sabiex tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ġiet iddelimitata b'mod strett mill-Qorti tal-Ġustizzja li rrikjediet, mis-sentenza Aranyosi u Căldăraru, u b'mod kostanti minn dakinhar, it-twettiq ta' eżami f'żewġ stadji li jgħaqqad evalwazzjoni fuq livell sistemiku ma' eżami fuq livell individwali tal-eżistenza tar-riskju allegat.

89. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet għaldaqstant li, "meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tkun mitluba tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew ikollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi li jixhdu l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-ġudikatura fl-Istat Membru emittenti, hija ma tistax tassumi madankollu li jeżistu raġunijiet serji u pprovati li wieħed jemmen li din il-persuna taffaċja riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq fil-każ ta' konsenja lil dan l-aħħar Stat Membru, mingħajr ma twettaq verifika konkreta u preċiża li tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni personali tal-imsemmija persuna, tan-natura tar-reat inkwistjoni kif ukoll tal-kuntest fattwali li fih ikun inħareġ il-mandat, bħal dikjarazzjonijiet jew atti ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jinterferixxu fit-trattament li għandu jiġi rriżervat għal każ individwali" [57].

90. Fil-kuntest tal-eżami f'żewġ stadji, "l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fl-ewwel stadju, tiddetermina jekk jeżistux elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati intiżi li juru l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur, f'dan l-Istat Membru emittenti, ta' dritt fundamentali għal smigħ xieraq iggarantit minn din id-dispożizzjoni, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-ġudikatura ta' dan l-Istat Membru" [58].

91. Fit-tieni stadju, "l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tivverifika, b'mod konkret u preċiż, sa fejn dawn in-nuqqasijiet osservati fl-ewwel stadju jista' jkollhom effett fil-livell tal-qrati ta' dan l-Istat Membru li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-proċeduri li għalihom tkun ser tkun suġġetta l-persuna kkonċernata u jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali ta' din il-persuna, tan-natura tar-reat li bih din tal-aħħar tkun akkużata u tal-kuntest fattwali li fih ikun inħareġ dan il-mandat ta' arrest, u fid-dawl tal-informazzjoni possibbilment ipprovduta mill-istess Stat Membru b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jeżistux raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-imsemmija persuna ser taffaċċja tali riskju fil-każ ta' konsenja lil dan l-aħħar Stat Membru" [59].

56 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski (C-367/16, EU:C:2018:27, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-13 ta' Jannar 2021, MM (C-414/20 PPU, EU:C:2021:4, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-drittijiet), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, "fir-rigward ta' proċeduri ta' tali [mandat ta' arrest Ewropew], il-garanzija tad-drittijiet fundamentali primarjament hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru emittenti" (punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għall-ewwel affermazzjoni tal-ħtieġa ta' eżami f'żewġ stadji fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, ara s-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punti 47 sa 75).

58 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92. Fis-sentenza tagħha Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti), il-Qorti tal-Ġustizzja affermat, fir-rigward tal-proċess tal-ħatra tal-imħallfin fl-Istat Membru emittenti, il-ħtieġa ta' eżami f'żewġ stadji f'każ fejn hija inkwistjoni l-garanzija, inerenti wkoll għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, stabbilita mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dwar qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, u hija tippreċiża l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għall-applikazzjoni ta' dan l-eżami.

93. L-eżami f'żewġ stadji f'din l-ipoteżi ġie ġġustifikat minħabba tliet kunsiderazzjonijiet.

94. L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-rabtiet indissoċjabbli li jeżistu, għall-finijiet tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, bejn il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-imħallfin kif ukoll ta' aċċess għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi [60]. It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-ħtieġa li jiġi bbilanċjat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni li tagħhom hija mitluba l-konsenja mal-interessi l-oħra, bħalma huma l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi u l-ġlieda kontra l-impunità, u din timplika għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li ma tillimitax l-eżami tagħha għal dak tal-ewwel stadju [61]. It-tielet, il-Qorti tal-Ġustizzja wissiet kontra approċċ li jwassal għal sospensjoni tal-fatti fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew fir-rigward ta' dan l-Istat Membru, bi ksur tal-kompetenza tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill f'dan ir-rigward [62].

95. Nikkunsidra li r-raġunament hekk adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti), li huwa bbażat fil-parti l-kbira fuq in-neċessità li tiġi ppreżervata n-natura eċċezzjonali tar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew minħabba riskju allegat ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna rikjesta għal smigħ xieraq minn qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, stabbilita fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi mtenni fil-kuntest ta' din il-kawża, u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali.

96. Fl-ewwel lok, ir-riskju allegat fil-kuntest ta' din il-kawża kien jirrigwarda l-ksur tal-istess rekwiżit inerenti għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, jiġifieri dawk li jirrigwarda qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, anki jekk hawnhekk ma huwiex inkwistjoni l-proċess tal-ħatra tal-imħallfin fl-Istat Membri emittenti, imma l-osservanza tar-regoli legali li jiddeterminaw il-kompetenzi rispettivi tal-qrati ta' dan l-Istat.

97. Fit-tieni lok, li l-evalwazzjoni ta' riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali f'każ ta' konsenja tkun suġġetta għal eżami f'żewġ stadji jidhirli li huwa indispensabbli sabiex ir-rifjut għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew ibbażat fuq tali riskju jibqa' verament eċċezzjonali.

98. Ser neżamina issa dawn iż-żewġ punti.

60 Ara s-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punti 55 sa 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Ara s-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punti 59 sa 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Ara s-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punti 63 sa 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*a) In-neċessità ta' eżami f'żewġ stadji f'każ ta' riskju allegat ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi għal dak li jikkonċerna r-rispett tar-regoli legali li jiddeterminaw il-kompetenza tal-qrati tal-Istat Membru emittenti*

99. Fost il-komponenti tal-garanzija li tirrigwarda qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, hemm ir-rekwiżit li l-kompetenza ta' din il-qorti għandha tkun ibbażata fuq bażi legali. Infakkar li, inkwantu l-Karta tistabbilixxi d-drittijiet li jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-KEDB, l-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa intiż li jiżgura l-koerenza neċessarja bejn id-drittijiet li jinsabu fiha u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB, mingħajr din ma tippreġudika l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni. Skont l-iSpjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [63], it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, għaldaqstant, tiżgura li l-interpretazzjoni li hija tagħti lit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jiżgura livell ta' protezzjoni li ma jkunx inqas minn dak iggarantit mill-Artikolu 6(1) tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti EDB [64].

100. Il-kunċett ta' "qorti stabbiliti b'liġi", flimkien ma' dak tal-"indipendenza" u ta' "imparzjalità" ta' qorti, jifformaw parti mir-"rekwiżiti istituzzjonali" tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Fil-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, dawn il-kunċetti għandhom rabtiet mill-qrib ħafna [65].

101. Il-Qorti EDB ddeċidiet li, filwaqt li r-rekwiżiti istituzzjonali tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB għandhom kull wieħed għan preċiż li jrenduhom bħala garanziji speċifiċi għal smigħ xieraq, huma għandhom din komuni bejniethom li huma mmirati għall-osservanza tal-prinċipji fundamentali li huma l-preeminenza tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri, filwaqt li ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li l-bażi ta' kull wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jinsab fil-ħtieġa li tiġi ppreżervata l-fiduċja li l-poter ġudizzjarju għandu jispira fil-parti fil-kawża u l-indipendenza ta' dan il-poter fil-konfront tal-poteri l-oħra [66]. Il-Qorti tal-Ġustizzja integrat dawn id-definizzjonijiet fil-ġurisprudenza tagħha [67].

102. Barra minn hekk, il-Qorti EDB interpretat il-kunċett ta' "qorti stabbilita bil-liġi" bħala li jfisser "qorti stabbilita skont il-liġi" [68]. L-istess bħall-irregolaritajiet fil-proċess tal-ħatra tal-imħallfin [69], il-ksur ta' regoli tad-dritt intern li jirregolaw il-kompetenza ta' qorti biex tiddeċiedi dwar kawża jista' jikser ir-rekwiżit ta' "qorti stabbilita bil-liġi" [70]. Fil-fatt, il-"liġi" imsemmija fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB tinkludi b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda

63 ĠU 2007, C 303, p. 17.

64 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank (C-132/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza Getin Noble Bank", EU:C:2022:235, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Ara s-sentenza tal-Qorti EDB tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punt 231).

66 Ara s-sentenza tal-Qorti EDB tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punti 231 u 233).

67 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Getin Noble Bank (punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, fil-qasam tal-mandat ta' arrest Ewropew, is-sentenza Openbaar Minisstabbilita bilterie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Ara s-sentenza tal-Qorti EDB tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punt 229).

69 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Getin Noble Bank (punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Ara s-sentenza tal-Qorti EDB tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punt 224).

l-istabbiliment u l-kompetenza tal-organi ġudizzjarji[71]. Konsegwentement, skont il-Qorti EDB, "jekk fid-dawl tad-dritt intern qorti ma għandhiex kompetenza sabiex tiġġudika lill-akkużat, din ma hijiex 'stabbilita bil-liġi' fis-sens ta' din id-dispożizzjoni"[72].

103. Jeħtieġ, f'dan ir-rigward, li jiġi ppreċiżat li, skont il-Qorti EDB, l-introduzzjoni tat-termini "mwaqqaf b'liġi" [stabbilita bil-liġi] fl-Artikolu 6 tal-KEDB għandu bħala għan li jevita li l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja f'soċjetà demokratika titħalla għad-diskrezzjoni tal-poter eżekuttiv u li jiżgura li din l-organizzazzjoni tkun irregolata b'liġi li toħroġ mingħand il-Parlament[73]. Barra minn hekk, skont din l-istess Qorti, "[f]'pajjiżi bi dritt ikkodifikat, l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja lanqas ma tista' titħalla għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji, u dan ma jeskludix madankollu li dawn ikollhom ċerta setgħa ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam"[74].

104. Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-oriġini legali tar-regoli li jiddeterminaw il-kompetenza tal-qrati u l-osservanza ta' dawn ir-regoli minn dawn tal-aħħar għandhom ir-rabtiet indissoċjabbli mal-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-imħallfin. Dan jikkontribwixxi, b'mod usa', sabiex jiggarantixxu l-preeminenza tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri, filwaqt li jippreżervaw b'hekk il-fiduċja li l-poter ġudizzjarju għandu jispira fil-parti fil-kawża u l-indipendenza ta' dan il-poter fil-konfront tal-poteri l-oħra.

105. Għaldaqstant, il-garanziji ta' aċċess għal qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi jirrappreżentaw il-bażi tad-dritt għal smigħ xieraq. Il-verifika dwar jekk istanza tikkostitwixxix qorti stabbilita bil-liġi, meta jkun hemm dubju serju dwar il-kompetenza ta' qorti, hija neċessarja għall-fiduċja li l-qrati ta' soċjetà demokratika għandhom jispiraw fil-partijiet fil-kawża[75].

106. Minn dan isegwi li, l-istess bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha Openbaar Ministerie (Qorti stabbiliti bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) fir-rigward tal-proċess tal-ħatra tal-imħallfin, l-eżami f'żewġ stadji għandu jsir ukoll mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni f'każ ta' riskju allegat ta' ksur tal-garanzija dwar qorti stabbilita minn qabel bil-liġi minħabba irregolaritajiet dwar il-kompetenza tal-qrati tal-Istat Membru emittenti.

*b) Eżami f'żewġ stadji ġġustifikat mill-ħtieġa li tkun ippreżervata n-natura eċċezzjonali għar-rifjut ta' eżekuzzjoni bbażat fuq riskju allegat ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq*

107. L-eventwali nuqqas ta' kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti jista' jirriżulta problematiku anki fl-istadju tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew jekk jiġi implikat li l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat twassal li l-persuna akkużata tiġi ġġudikata minn qorti li ma

71 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti EDB tat-12 ta' Lulju 2007, Jorgic vs Il-Ġermanja (CE:ECHR:2007:0712JUD007461301, punt 64).

72 Sentenza tal-Qorti EDB tat-12 ta' Lulju 2007, Jorgic vs Il-Ġermanja (CE:ECHR:2007:0712JUD007461301, punt 64). Għaldaqstant, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2000, Coëme *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2000:0622JUD003249296, punti 107 u 108), il-Qorti EDB ddeċidiet li ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' "tribunal mwaqqaf b'liġi" [qorti stabbilita bil-liġi] il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) Belġjana li tiġġudika akkużati li ma humiex ministri għal reati marbuta ma' dawk li għalihom il-ministri kienu akkużati, peress li r-regola ta' konnessjoni ma kinitx stabbilita bil-liġi.

73 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti EDB tat-22 ta' Ġunju 2000, Coëme *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2000:0622JUD003249296, punt 98), u tal-25 ta' Ottubru 2011, Richert vs Il-Polonja (CE:ECHR:2011:1025JUD005480907, punt 42).

74 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti EDB tat-22 ta' Ġunju 2000, Coëme *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2000:0622JUD003249296, punt 98), u tal-20 ta' Ottubru 2009, Gorguiladzé vs Il-Ġeorġja (CE:ECHR:2009:1020JUD000431304, punt 69).

75 Ara, b'analoġija, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

għandhiex kompetenza. Ir-rwol li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandu jkollha meta problema ta' kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti tiġi allegata quddiemha ġiet iddibattuta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

108. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat sabiex tiġġustifika l-ħtieġa li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, wara li tkun wettqet l-ewwel stadju tal-eżami tagħha, tipproċedi għat-tieni stadju tal-eżami tagħha. Fil-fatt, sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'kawżi li fihom il-persuna rikjesta lmentat min-nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fl-Istat Membru emittenti. F'dan il-kuntest speċifiku, ir-rekwiżit ta' stħarriġ f'żewġ stadji jippermetti fuq kollox li jiġi żgurat li l-prova biss ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati ma twassalx sabiex tostakola l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, filwaqt li l-persuna rikjesta ma tkunx, fil-prattika, esposta għal ebda riskju reali fuq livell individwali.

109. Issa, fil-kuntest ta' din il-kawża, il-kwistjoni hija differenti, peress li hija dwar jekk awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax tibbaża r-rifjut ta' eżekuzzjoni tagħha ta' mandat ta' arrest Ewropew fuq riskju individwali ta' ksur tal-garanzija li tirrigwarda qorti stabbilita minn qabel bil-liġi li ma joriġinax mill-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti. B'hekk, il-kwistjoni ma hijiex hawnhekk dwar jekk l-eżistenza ta' tali nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati hijiex *suffiċjenti*, imma jekk din hijiex *meħtieġa* sabiex tippermetti lil awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, meta jkun allegat riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq minn qorti stabbilit minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

110. Jidhirli li t-termini essenzjali tad-dibattitu li sar fuq dan is-suġġett quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jinġabru bil-mod kif ġej, billi jsir riferiment għaż-żewġ teżijiet opposti.

111. Skont l-ewwel teżi, il-konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti ma tikkostitwixxix stadju impost għall-fini li jippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tivverifika l-eżistenza ta' riskju individwali u konkret ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita bil-liġi li minnu għandha tgawdi l-persuna li hija s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja imponiet sal-lum it-twettiq minn din l-awtorità ta' eżami f'żewġ stadji fil-kawżi li jikkontestaw l-osservanza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta fl-Istat Membru emittenti jsib spjegazzjoni fil-fatt li, f'dawn il-kawżi, il-kwistjoni kienet dwar jekk, fil-preżenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati, it-tieni stadju dwar l-evalwazzjoni ta' riskju ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali fuq livell individwali kienx neċessarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, ma ppronunzjatx ruħha dwar il-kwistjoni dwar jekk l-ewwel stadju huwiex dejjem rikjest.

112. Dawk li jżommu ma' din l-ewwel teżi jxaqilbu, b'hekk, b'xi mod, il-bilanċ bejn il-fiduċja reċiproka u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita bil-liġi favur dan it-tieni element. Barra minn hekk, l-argumenti insostenn ta' din it-teżi ma jagħtux importanza determinanti lid-differenza fin-natura li teżisti bejn id-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta, skont jekk humiex assoluti jew inkella jistgħux ikollhom xi limitazzjonijiet.

113. Għall-kuntrarju, skont it-tieni teżi, hemm lok, fir-rigward tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jkun rikjest li jiġu osservati b'mod strett iż-żewġ stadji li ġew iddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala l-parametri tal-verifika mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' riskju reali ta' ksur ta'

dan id-dritt fl-Istat Membru emittenti. Peress li, sabiex ma tiġix ipperikolata l-fiduċja reċiproka li l-Istati Membri għandhom ikollhom fir-rigward tal-funzjonament tajjeb tas-sistemi ġudizzjarji rispettivi tagħhom, il-verifika mwettqa f'dan ir-rigward mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandu jkollha natura eċċezzjonali, dan ikun ifisser li l-konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fl-Istat Membru emittenti tkun imperattiva. Fil-fatt, huma biss tali nuqqasijiet li huma tali li joħolqu riskju reali ta' preġudizzju għall-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt jew, f'kull każ, riskju reali ta' ksur suffiċjentement gravi tal-imsemmi dritt. Ċerti persuni li jżommu ma' din it-teżi aċċettaw li tista' teżisti, f'dan ir-rigward, differenza skont jekk ir-riskju ta' ksur allegat jikkonċernax dritt, kif protett mill-Artikolu 4 tal-Karta, li għandu natura assoluta jew dak iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jista' jkun limitat.

114. Dawk li jżommu mat-tieni teżi ixaqilbu għaldaqstant, biex ngħidu l-affarijiet b'mod sempliċi, il-bilanċ favur il-fiduċja reċiproka li ma għandhiex tkun ippreġudikata mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li għandhom dejjem, fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, ikunu kkaratterizzati mill-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti.

115. Hija din it-tieni teżi li magħha naqbel, inkwantu hija tikkontribwixxi, bil-fatt li tikkonċepixxi r-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew bħala eċċezzjoni li għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta, biex tiggarantixxi l-effettività tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, li tagħha dan il-mandat jikkostitwixxi wieħed mill-elementi essenzjali.

116. Għal dan il-għan, jidhirli li huwa indispensabbli li jiġi ppreżervat kemm jista' jkun possibbli t-tqassim tar-responsabbiltajiet li għandhom l-Istat Membru emittenti u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Kif indikajt qabel, huwa l-Istat Membru emittenti li għandu primarjament jiżgura li d-deċiżjoni sabiex jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew tkun tirrispetta d-drittijiet li l-persuna li tkun is-suġġett tagħha tgawdi mid-dritt tal-Unjoni, li minnhom jifformaw parti d-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta. L-Istat Membru emittenti għandu, għal dan il-għan, jiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja effettiva lil din il-persuna, b'mod partikolari billi jimplimenta r-rimedji ġudizzjarji neċessarji għal dan l-istħarriġ[76]. B'effett mill-mument li ebda nuqqas sistemiku jew ġeneralizzat fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti ma jkun jista' jintwera, ma jkunx hemm bżonn li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiddubita minn dak li, permezz tar-rimedji ġudizzjarji disponibbli f'dan l-Istat Membru, il-persuna kkonċernata tkun tista' tikkonstata u, jekk ikun il-każ, tikkoreġi jew tissanzjona ksur eventwali tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, mid-dibattiti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rriżulta li l-persuni li huma s-suġġett tal-proċeduri kriminali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom rimedji ġudizzjarji fl-Istat Membru emittenti sabiex jistħarrġu, sal-livell tat-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali), ir-rispett ta' dan id-dritt fundamentali[77]. Inżid li, fil-maġġoranza tal-każijiet, id-diffikultajiet marbutin mal-kompetenza tal-qrati huma solvuti b'regoli proċedurali tad-dritt intern, li l-qrati tal-Istat Membru emittenti huma fl-aħjar pożizzjoni li japplikaw, li jiżguraw għaldaqstant il-protezzjoni tad-dritt fundamentali li persuna tiġi ġġudikata minn qorti stabbilita bil-liġi.

76 Infakkar, f'dan ir-rigward, li, "[l]-Unjoni hija Unjoni tad-dritt fejn il-partijiet għandhom id-dritt li jikkontestaw quddiem il-qorti l-legalità ta' kull deċiżjoni jew ta' kull att nazzjonali ieħor dwar l-applikazzjoni fil-konfront tagħhom ta' att tal-Unjoni": ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (punt 49).

77 Għal approċċ paragunabbli fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Aguirre Zarraga (C-491/10 PPU, EU:C:2010:828, punti 69 sa 74). Nirrileva li ġie kkonfermat waqt is-seduta li L. Puig Gordi ppreżenta "recurso de amparo" (rikors għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali) quddiem it-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali).

117. Għaldaqstant, fl-assenza ta' allegazzjonijiet li jirrigwardaw nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, li jikkonsistu b'mod partikolari f'funzjonamenti ħżiena tas-sistema ġudizzjarja ta' dan l-Istat li jistgħu jxekklu li ksur tad-dritt fundamentali inkwistjoni jkun jista' jiġi kkonstatat u, jekk ikun il-każ, ikkoreġut jew issanzjonat minn qorti tal-imsemmi Stat, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri għandu japplika b'mod sħiħ, b'mod li jkun jista' jintlaħaq l-għan ta' aċċellerazzjoni u ta' simplifikazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri mfittex mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, billi jiġi bbażat fuq il-livell ta' fiduċja għolja li għandha teżisti bejn l-Istati Membri[78].

118. Issa, jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun permessa tivverifika f'każ konkret ir-rispett tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi fl-Istat Membru emittenti, fl-assenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja ta' dan l-Istat Membru, dan iwassal sabiex itaqqal ħafna l-kompitu ta' din l-awtorità, ħaġa li tkun tmur kontra r-rekwiżiti ta' effikaċja u ta' ħeffa tal-konsenja. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża juru barra minn hekk id-diffikultajiet li bihom hija kkonfrontata l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni meta hija tipprova tapplika, tinterpeta jew ukoll sempliċiment tifhem ir-regoli proċedurali tal-Istat Membru emittenti.

119. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, huwa biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ikkaratterizzati bl-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, li jista' jsir tibdil fit-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, li jippermettu għaldaqstant lil din tal-aħħar li tivverifika jekk dan l-Istat Membru effettivament irrispettax, f'każ konkret, id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta[79]. Fi kliem ieħor, huwa biss f'każ ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti li tista' ssir deroga, b'mod eċċezzjonali, għar-regola li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma għandhiex tagħmel verifika tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru emittenti, b'mod konformi ma' dak li l-Qorti tal-Ġustizzja indikat fil-punt 192 tal-Opinjoni 2/13 tagħha (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB). Din ir-regola tirrikjedi għaldaqstant li l-aċċettazzjoni ta' ċirkustanzi eċċezzjonali tkun limitata b'mod strett[80].

78 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, C u CD (Ostakli legali għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' konsenja) (C-804/21 PPU, EU:C:2022:307, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-Kawża Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:517), li fihom dan tal-aħħar jiċċita s-sentenza tas-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) tal-4 ta' Mejju 2007, The Minister for Justice Equality and Law Reform vs Brennan ((2007) IECH 94), li permezz tagħha din il-qorti ddeċidiet li huwa biss fil-preżenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, "bħal falliment [nuqqas] kjarament ippruvat u fundamentali tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat rikjedenti", li ksur tad-drittijiet stabbiliti mill-Artikolu 6 tal-KEDB ikun jiġġustifika rifjut ta' konsenja taħt il-Liġi tal-2003 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (nota ta' qiegħ il-paġna 47). Ara wkoll is-sentenza tal-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) tal-10 ta' Mejju 2022 (Nru 22-82.379, FR:CCASS:2022:CR00676), li fiha ddeċidiet li "mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li fuqu hija bbażata s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa stess ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-fatt li l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom huma f'pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni ekwivalenti u effettiva ta' drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, u li konsegwentement *ma huwiex l-Istat ta' eżekuzzjoni, ħlief fil-każ ta' nuqqas sistemiku jew ġeneralizzat fl-Istat emittenti, li għandu jiżgura stħarriġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali minn dan tal-aħħar*" (punt 14, korsiv miżjud minni).

80 Ara, f'dan ir-rigward, Spielmann, D., u Voyatzis, P., "Le mandat d'arrêt européen entre Luxembourg et Strasbourg: du subtil exercice d'équilibriste entre la CJUE et la Cour EDH", *Sa Justice – L'Espace de Liberté, de Sécurité et de Justice – Liber amicorum en hommage à Yves Bot*, Bruylant, Brussell, 2022, p. 256. Kif jirrilevaw dawn l-awturi, waħda mill-isfidi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiffaċċja hija ċertament dik li tevita ċerta ġeneralizzazzjoni taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, li jkunu jippreġudikaw il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-effikaċjà tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew (p. 300).

120. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta ċar li l-ewwel stadju tal-eżami li għandu tagħmel l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jikkostitwixxi prerekwiżit sabiex jinbeda t-tieni stadju ta' dan l-eżami. Fil-fatt, fil-kuntest ta' dan it-tieni stadju, "l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tevalwa *jekk in-nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati kkonstatati fl-ewwel stadju ta' dan l-eżami jistgħux jiġu kkonkretizzati fil-każ ta' konsenja* tal-persuna kkonċernata lill-Istat Membru emittenti u jekk, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, din il-persuna taffaċċjax għalhekk riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel mil-liġi, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta" [81]. Kif tindika ġustament il-Kummissjoni, iż-żewġ stadji tal-eżami li għandu jsir mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni huma ta' natura kumulattiva u jseħħu f'sekwenza ta' analiżi li għandha tkun osservata minn din l-awtorità.

121. Barra minn hekk, b'analoġija ma' dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 62 tas-sentenza tagħha Openbaar Ministerie (Qorti stabbiliti bil-liġi fl-Istat Membru emittenti), nikkunsidra li jekk il-verifika ta' riskju ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali f'każ konkret kienet, waħidha, suffiċjenti sabiex tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tirrifjuta, jekk ikun il-każ, li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, il-multiplikazzjoni tal-kontrolli li din l-awtorità tkun tista' tasal tagħmel f'dan ir-rigward tista' tippreġudika l-għan tal-ġlieda kontra l-impunità msemmija fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif ukoll, jekk ikun il-każ, interessi oħra, bħalma hija l-ħtieġa li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-vittmi tar-reati kkonċernat [82].

122. Fi ftit kliem, huwa biss fil-preżenza ta' diffikultajiet maġġuri fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, stabbiliti b'mod rigoruż u bi grad suffiċjenti ta' ċertezza, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati, li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tikkonstata l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur, f'dan l-Istat Membru, tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fehma tiegħi, dan huwa t-twettiq tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, b'mod iktar speċifiku, tal-implimentazzjoni fluwida u effikaċi tal-mekkaniżmu ta' konsenja implimentat mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka u fuq preżunzjoni ta' osservanza, mill-Istati Membri, tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta.

123. Jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm dan l-approċċ fil-qasam tal-mandat ta' arrest Ewropew, anki jekk hija adottat approċċ iktar flessibbli fil-qasam tal-ażil, f'każ ta' trasferiment ta' applikant għall-ażil lejn l-Istat Membri responsabbli tal-eżami tal-applikazzjoni tiegħu. Iż-żewġ oqsma għandhom, fil-fatt, skopijiet differenti [83]. Barra minn hekk, peress li dan l-approċċ huwa

[81] Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 82, enfasi miżjuda minni).

[82] Ara s-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 60).

[83] Ara, f'dan ir-rigward, Billing, F., "Limiting mutual trust on fundamental rights grounds under the European arrest warrant and lessons learned from transfers under Dublin III", *New Journal of European Criminal Law*, SAGE Journals, 2020, Vol. 11(2), p. 184.

bbażat fuq riskju individwali u mhux sistemiku ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, dan jikkonċerna l-Artikolu 4 tal-Karta, jiġifieri dritt assolut[84]. Min-naħa l-oħra, id-dritt għal smigħ xieraq stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jista' jkun is-suġġett ta' limitazzjonijiet.

124. Issa, l-għan li tiġi implimentata sistema rapida u effikaċi ta' konsenja, flimkien ma' dak intiż li jiġġieled kontra l-impunità, ma huwiex kompatibbli ma' possibbiltà wiesgħa wisq għal awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tistħarreġ l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru emittenti, b'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, li ma jikkostitwixxix dritt assolut[85].

125. Nenfasizza, barra minn hekk, li huwa importanti għall-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tkunx awtorizzata tagħmel stħarriġ li hija ma hijiex f'pożizzjoni li tagħmel. L-eżerċizzju li jikkonsisti li tali awtorità tivverifika l-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex tiġġudika lill-persuni li jkunu s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew u biex joħorġu tali mandat jaqa' min-natura tiegħu f'idejn il-qrati tal-Istat Membru emittenti li huma fl-aħjar pożizzjoni li jinterpretaw u japplikaw ir-regoli proċedurali li jifformaw parti mill-ordinament ġuridiku ta' dan l-Istat Membru. Fl-assenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-imsemmi Stat Membru, ma hemmx lok li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tagħmel verifika li tkun l-espressjoni ta' nuqqas ta' fiduċja fil-konfront tal-qrati tal-Istat Membru emittenti. Billi tilħaq riżultat li jkun eżatt l-oppost tar-rieda inizjali li tinbena l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali fuq il-pedament magħmul b'mod konġunt mir-rikonoxximent u l-fiduċja reċiproċi, din tiftaħ it-triq għall-ħatt ta' struttura li, b'paċenzja, ġiet implimentata.

126. Huwa importanti wkoll, fil-fehma tiegħi, li wieħed joqgħod attent milli japplika b'mod mekkaniku fil-kuntest ta' ksur allegat tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilit minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward tal-eżistenza ta' rimedju ġudizzjarju li jippermettu lill-persuni detenuti jikkontestaw, fil-kuntest ta' azzjoni ġudizzjarja, il-legalità tal-kundizzjonijiet ta'

84 Kif jirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, C. K. *et* (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127), il-projbizzjoni tal-pieni jew ta' trattamenti inumani jew degradanti, prevista fl-Artikolu 4 tal-Karta, hija ta' importanza fundamentali, sa fejn għandha natura assoluta peress li hija strettament marbuta mar-rispett tad-dinjità tal-bniedem imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha (punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll punt 69). Din il-konstatazzjoni wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-possibbiltà li t-trasferiment ta' applikant għall-ażil li l-istat ta' saħħa tiegħu hija partikolarment gravi tista', minnha nfisha, twassal, għall-persuna kkonċernata, għal riskju reali ta' trattamenti inumani jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, u dan anki fl-assenza ta' raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li jeżistu nuqqasijiet sistemiċi tal-proċedura ta' ażil u tal-kundizzjonijiet ta' lqugħ tal-applikanti għall-ażil fil-Kroazja (punti 71 u 73). Ara, wkoll, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218, punti 78 u 87). Fil-punt 95 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li s-soluzzjoni li hija tadotta tirrikjedi li tintwera l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali. B'hekk, "ma jistax jiġi eskluż għalkollox li applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun jista' juri l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li huma speċifiċi għalih u li jimplikaw li, fil-każ ta' trasferiment lejn l-Istat Membru normalment responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, dan l-applikant jista' jsib ruħu, minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tiegħu, indipendentement mill-volontà tiegħu u mill-għażliet personali tiegħu, f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema […], wara li jkun ingħata l-benefiċċju ta' protezzjoni internazzjonali".

85 Id-dibattitu li sar quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja wera li, fil-qasam tal-mandat ta' arrest Ewropew, pożizzjoni iktar sfumata u miftuħa għall-aċċettazzjoni ta' riskji mhux sistemiċi tista' tiġi kkontemplata meta inkwistjoni jkun hemm il-protezzjoni ta' dritt fundamentali ta' natura assoluta, bħalma huwa dak protett mill-Artikolu 4 tal-Karta. B'hekk, il-Kummissjoni aċċettat waqt is-seduta li, għal dak li jirrigwarda riskju ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali, pereżempju minħabba karatteristiċi partikolari tal-persuna li l-konsenja tagħha hija mitluba, awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew anki fl-assenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fl-Istat Membru emittenti. Din it-teżi jidhirli li għandha titqies fid-dawl tal-possibbiltà offruta mill-Artikolu 23(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jipprevedi kif ġej: "[i]l-konsenja tista' eċċezzjonalment tiġi posposta temporanjament għal raġunijiet umanitarji serji, per eżempju jekk hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen li dan ipoġġi manifestament f'perikolu l-ħajja jew is-saħħa tal-persuna rikjesta. L-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha sseħħ malli dawn ir-raġunijiet ma jibqgħux jezistu.". Ara, f'dan ir-rigward, Billing, F., "Limiting mutual trust on fundamental rights grounds under the European arrest warrant and lessons learned from transfers under Dublin III", *New Journal of European Criminal Law*, SAGE Journals, 2020, Vol. 11(2), p. 197. Ara wkoll, dwar il-punt dwar jekk u sa fejn awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta l-konsenja ta' persuna rikjesta meta din tal-aħħar tbati minn marda li tista' taggrava fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, il-kawża pendenti E. D. L. vs Presidente del Consiglio dei Ministri (C-699/21).

detenzjoni tagħhom fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Karta fl-Istat Membru emittenti, jiġifieri li tali rimedju ġudizzjarju "ma jistax, waħdu, ikun biżżejjed sabiex jeskludi l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna kkonċernata tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fl-Istat Membru emittenti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta" [86]. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali stħarriġ ġudizzjarju, għalkemm jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni fl-evalwazzjoni globali tal-kundizzjonijiet li fihom ikun maħsub li ser tinżamm persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew, "dan ma huwiex, bħala tali, ta' natura li jwarrab ir-riskju li dik il-persuna, wara l-konsenja tagħha, tkun suġġetta għal trattament inkompatibbli mal-Artikolu 4 tal-Karta, minħabba l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha" [87].

127. Nikkunsidra, f'dan ir-rigward, li s-sitwazzjoni li fiha jkun allegat riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, f'każ ta' konsenja tal-persuna rikjesta, għandha tkun distinta minn dik fejn ikun invokat riskju ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta minħabba kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti [88]. Fl-assenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, il-possibbiltà ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'dan l-Istat Membru tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbiliti minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, jidhirli li hija determinanti sabiex tiġi eskluża l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt. Fil-fatt, fir-rigward ta' aspetti proċedurali, l-istħarriġ ġudizzjarju li jista' jkun eżerċitat fl-Istat Membru emittenti huwa tali li jirrimedja irregolarità eventwali fir-rigward tal-kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti.

128. Ser intemm l-eżami tat-tielet sas-sitt domanda preliminari billi nagħmel xi kunsiderazzjonijiet fuq il-kontenut tal-ewwel stadju tal-eżami li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tagħmel.

129. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, f'dan ir-rigward, li, "[f]il-kuntest tal-ewwel stadju ta' dan l-eżami, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tevalwa, b'mod ġenerali, l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, b'mod partikolari marbut [...] ma' ksur tar-rekwiżit ta' qorti stabbilita bil-liġi, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dan l-Istat Membru" [89]. Tali evalwazzjoni tippreżumi "evalwazzjoni globali" [90], li għandha tkun ibbażata fuq "elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament iverifikati [aġġornati]" [91]. Din l-istess evalwazzjoni għandha ssir fid-dawl tal-istandard ta' protezzjoni tad-dritt fundamentali ggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta [92]. F'dan

86 Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija) (C-220/18 PPU, EU:C:2018:589, punt 73).

87 Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija) (C-220/18 PPU, EU:C:2018:589, punt 74).

88 Hemm ukoll, id-differenza ta' natura bejn id-drittijiet fundamentali għandha effett fuq ir-raġunament adottat. Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija) (C-220/18 PPU, EU:C:2018:547), li jirrileva li "peress li finalment din hija l-garanzija ta' dritt assolut, li min-natura tiegħu stess għandu jingħata protezzjoni preventiva qabel dik riparatriċi, nemmen li, minkejja li hija importanti, l-eżistenza ta' sistema ta' rimedji effettivi tista' ma tkunx biżżejjed jekk il-qorti ta' eżekuzzjoni jkollha dubji probatorji dwar il-possibbiltà li l-persuna detenuta tista' ġġarrab trattament inuman u degradanti *b'mod immedjat*, irrispettivament minn jekk dan il-ksur jiġix sussegwentement ikkumpensat minn rimedji ġudizzjarji effettivi tal-Istat emittenti" (punt 57). Kif indika l-Gvern Belġjan waqt is-seduta, għal dak li jirrigwarda d-dritt fundamentali protett mill-Artikolu 4 tal-Karta, l-użu ta' rimedju ġudizzjarju ma jippermettix dejjem li jiġi rrimedjat il-ksur invokat, peress li dan jista' jseħħ fil-frattemp.

89 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punti 74 u 77).

91 Sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata.

92 Ara, b'mod partikoalri s-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata.

ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, għal dak li jirrigwarda l-proċedura tal-ħatra tal-imħallfin, li kwalunkwe irregolarità f'din il-proċedura ma tistax titqies li tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [93]. Dan jippreżupponi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li irregolarità ta' dan it-tip ikunu ta' natura u ta' gravità partikolari [94].

130. Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat b'hekk standard ta' protezzjoni ta' dan id-dritt fundamentali paragunabbli għal dak li joħroġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB. Fil-fatt, għalkemm din issostni li għandha kompetenza sabiex tivverifika jekk id-dritt nazzjonali josservax ir-rekwiżit ta' qorti stabbilita bil-liġi, hija tikkunsidra madankollu li, meħud kont tal-prinċipju ġenerali li skontu huma primarjament il-qrati nazzjonali li għandhom jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, hija ma tistax tpoġġi f'dubju l-interpretazzjoni tagħhom, ħlief fil-każ ta' ksur flagranti ta' dawn id-dispożizzjonijiet [95]. Minn dawn l-elementi bbażati fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB niddeduċi li huwa biss f'każ ta' ksur manifest tar-regoli ta' dritt nazzjonali dwar il-kompetenza tal-organi ġudizzjarji, li jaqbżu l-marġni ta' interpretazzjoni ta' dan id-dritt li għandu jkollhom il-qrati nazzjonali, li ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB ikun jista' jiġi kkonstatat. Konsegwentement, sabiex il-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa bbażat ir-rekwiżit ta' "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" ["qorti stabbilita bil-liġi"] fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB jitqiesu bħala miksura, huwa rikjest kejl għoli għall-gravità ta' dan il-ksur [96].

131. Il-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun rikjesta tivverifika l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti sabiex tikkaratterizza l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, f'dan l-Istat Membru, jidhirli li huwa koerenti mar-rekwiżit ta' kejl għoli ta' gravità li l-Qorti EBD adottat fil-qasam tal-ksur tad-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" ["qorti stabbilita bil-liġi"] fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Barra minn hekk, il-Qorti EDB ħadet inkunsiderazzjoni, f'diversi okkażjonijiet, l-ispeċifiċità ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, il-konċiljazzjoni ta' diversi interessi involuti, kif ukoll in-neċessità għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tibbaża ruħha fuq bażi fattwali suffiċjenti [97].

93 Ara s-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 72).

94 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti EDB tat-12 ta' Lulju 2007, Jorgic vs Il-Ġermanja (CE:ECHR:2007:0712JUD007461301, punt 65). Din il-qorti ppreċiżat ukoll li "meta hija tanalizza jekk kienx hemm ksur tar-regoli interni rilevanti f'kawża partikolari, il-Qorti EDB tirreferi fil-prinċipju għall-interpretazzjoni u għall-applikazzjoni tad-dritt intern mill-qrati nazzjonali, ħlief jekk il-konklużjonijiet tagħhom ikunu arbitrarju jew manifestament mhux raġonevoli": ara s-sentenza tal-Qorti EDB tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punt 251).

96 Ara, għal dak li jirrigwarda ksur allegat tar-rekwiżit ta' "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" [qorti stabbilita bil-liġi], fil-proċess tal-ħatra tal-imħallfin, is-sentenza tal-Qorti EDB tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punt 234). Il-Qorti EDB adottat, f'din is-sentenza, approċċ fi tliet stadji kumulattivi (punt 243). L-ewwel, il-Qorti EDB ikkunsidrat li, fil-prinċipju, għandu jkun hemm ksur manifest tad-dritt intern (punt 244). It-tieni, il-ksur inkwistjoni għandu jiġi analizzat fid-dawl tal-għan u l-iskop tar-rekwiżit ta' "tribunal […] mwaqqaf b'liġi", li huma li jiġi żgurat li l-poter ġudizzjarju jkun jista' jwettaq il-missjoni tiegħu ħieles minn kull indħil inġustifikat, b'mod li jippreżerva għaldaqstant il-preeminenza tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri, ħaġa li timplika li huma biss il-ksur li jmissu r-regoli fundamentali tal-proċedura tal-ħatra tal-imħallfin – jiġifieri dawk li jċaħħdu mill-essenza tiegħu d-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" – li huma tali li jammontaw għal ksur ta' dan id-dritt (punti 246 u 247). It-tielet, il-Qorti EDB ssostni li l-istħarriġ li l-qrati nazzjonali għamlu, jekk ikun il-każ, fuq il-kwistjoni tal-konsegwenzi legali – fid-dawl tad-drittijiet li l-KEDB tiggarantixxi lil kulħadd – ta' ksur tar-regoli tad-dritt intern li jirregolaw il-ħatriet ġudizzjarji għandu rwol importanti għall-finijiet li jiġi stabbilit jekk dan il-ksur jammontax għall-ksur tad-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" (punt 248). Jidhirli li huwa rilevanti li dan it-tielet stadju jitqabbel ma' dak li indikajt fir-rigward tal-importanza ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru emittenti tar-rispett tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

97 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti EDB, 9 ta' Lulju 2019, Castaño vs Il-Belġju (CE:ECHR:2019:0709JUD000835117).

132. Fi ftit kliem, ir-rekwiżit ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti huwa l-espressjoni tal-fatt li huwa biss ir-riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq li jilħaq il-limitu ta' gravità għoli li huwa suxxettibbli li jwassal għar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Bil-fatt li jipparteċipa sabiex jiggarantixxi li tali rifjut jibqa' ta' natura eċċezzjonali, dan ir-rekwiżit jippreżerva, b'mod definittiv, il-bilanċ neċessarju bejn il-protezzjoni ta' dan id-dritt fundamentali u l-għanijiet ta' interess ġenerali li għandu l-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew.

133. Mill-elementi kollha preċedenti niddeduċi li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew meta, l-istess bħall-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell), teskludi hija stess l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti u mbagħad tesprimi dubji fir-rigward tar-rispett tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tal-persuna li l-konsenja tagħha hija mitluba billi tibbaża ruħha fuq rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja u fuq is-sentenzi tal-Qorti EDB li, għalkemm dawn jistgħu fit-teorija jikkostitwixxu provi [98], ma jikkorroborawx f'dan il-każ l-eżistenza ta' tali nuqqasijiet f'dan l-Istat Membru. Inżid ngħid li rifjut ta' eżekuzzjoni ma jistax ikun ibbażat fuq interpretazzjoni inċerta tad-dritt proċedurali tal-Istat Membru emittenti u jseħħ mingħajr ma tkun mitluba mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti, skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-informazzjoni supplimentari u aġġornata dwar l-eżistenza ta' rimedji ġudizzjarji u dwar l-istat tad-dibattitu ġudizzjarju f'dan l-Istat Membru għal dak li jikkonċerna l-verifika tal-punt dwar jekk il-kompetenza ta' din l-awtorità hijiex konformi ma' dan id-dritt fundamentali [99].

134. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tielet sas-sitt domanda preliminari li l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jkun interpretat fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tkun mitluba tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-proċeduri kriminali ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha elementi li juru, permezz ta' evalwazzjoni globali bbażata fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati, l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, din l-awtorità ma tistax tirrifjuta li timplimenta dan il-mandat ta' arrest Ewropew.

## *D. Fuq is-seba' domanda preliminari*

135. Permezz tas-seba' domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhiex tkun interpretata fis-sens li tipprekludi li awtorità ġudizzjarja emittenti toħroġ mandat ta' arrest Ewropew ġdid kontra l-istess persuna u intiż għall-istess awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, meta din tal-aħħar rrifjutat li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew preċedenti f'ċirkustanzi li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

98 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Aranyosi u Căldăraru (punt 89).

99 Jeħtieġ, f'dan ir-rigward, jitfakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u ta' eżekuzzjoni għandhom, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effikaċi fil-materji kriminali, jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti previsti b'mod partikolari fl-Artikoli [...] 15 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 b'mod li jiffavorixxu l-fiduċja reċiproka fuq il-bażi ta' din il-kooperazzjoni": ara, b'mod partikolari, is-sentenza Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

136. F'dan ir-rigward, nikkonstata mill-ewwel li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma fiha ebda dispożizzjoni li tillimita l-ħruġ ta' mandati ta' arrest Ewropej. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat, meta kienet qiegħda teżamina l-ammissibbiltà, li diversi mandati ta' arrest Ewropej setgħu jinħarġu suċċessivament kontra l-istess persuna rikjesta [100].

137. L-għan tal-ġlieda kontra l-impunità li għandha d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 timmilita wkoll favur il-possibbiltà li jinħarġu diversi mandati ta' arrest Ewropej kontra l-istess persuna u intiż għall-istess awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni bil-għan li din il-persuna tkun suġġetta għall-prosekuzzjoni kriminali jew ukoll sabiex tiġi eżegwita l-piena mogħtija kontriha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk jiġi impost limitu fuq in-numru ta' mandati ta' arrest Ewropej li jistgħu jinħarġu, dan iwassal sabiex jippreġudika l-effettività tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u jdgħajjef l-isforzi intiżi għal prosekuzzjoni effettiva ta' reati fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

138. Dan japplika iktar u iktar f'sitwazzjoni fejn rifjut ta' eżekuzzjoni preċedenti jirriżulta li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni. F'sitwazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun tista' tislet il-konsegwenzi tal-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li hija talbet u li ngħatatilha mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha mogħtija wara rinviju għal deċiżjoni preliminari, billi toħroġ, jekk ikun il-każ, mandat ta' arrest Ewropew ġdid. Minn dan l-aspett, din l-awtorità tibqa' fil-fatt obbligata teżamina l-punt dwar jekk, fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet ta' kull każ, il-ħruġ ta' dan il-mandat ġdid huwiex ta' natura proporzjonata [101].

## IV. Konklużjoni

139. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) bil-mod kif ġej:

1) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584 tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandha tkun interpretata fis-sens li tipprekludi li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta milli teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew billi tibbaża ruħha fuq raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni li hija prevista fid-dritt nazzjonali tagħha, imma li ma tissemmiex f'din id-deċiżjoni qafas. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija deċiżjoni qafas ma tipprekludix li dispożizzjoni nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 1(3) tal-istess deċiżjoni qafas, billi tipprevedi l-possibbiltà li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li timplimenta mandat ta' arrest Ewropew jekk hija jkollha raġunijiet serji sabiex temmen li l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ikollha bħala effett li tippreġudika d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, bil-kundizzjoni li din id-dispożizzjoni tiġi applikata b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet stretti li taħthom tali rifjut jista' jseħħ.

2) L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/299, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tistħarreġ jekk awtorità ġudizzjarja emittenti għandhiex kompetenza, skont id-dritt tal-Istat Membru emittenti, sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew.

100 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi AY (Mandat ta' arrest – Xhud), u Spetsializirana prokuratura (Dikjarazzjoni tad-drittijiet).

101 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, PF (Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja) (C-509/18, EU:C:2019:457, punt 49).

3) L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/299, għandu jkun interpretat fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tkun mitluba tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-prosekuzzjoni kriminali ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha provi li jkunu tali li juru, permezz ta' evalwazzjoni globali bbażata fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati, l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, din l-awtorità ma tistax tirrifjuta li timplimenta dan il-mandat ta' arrest Ewropew.

4) Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/299, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix li awtorità ġudizzjarja emittenti toħroġ mandat ta' arrest Ewropew ġdid kontra l-istess persuna u intiż għall-istess awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, meta din tal-aħħar rrifjutat li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew preċedenti f'ċirkustanzi li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, wara li eżaminat jekk il-ħruġ ta' dan il-mandat ġdid huwiex ta' natura proporzjonata.